C/2026/3790

13.7.2026

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1437, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

(C/2026/3790)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK [1], kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1437 [2], u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna [3].

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom jibqgħu jkunu soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK u fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

Il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li jibqgħu jkunu soġġetti għall-miżuri restrittivi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, **qabel it-18 ta' Novembru 2026**, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami tal-Kunsill tal-miżuri restrittivi qabel l-iskadenza tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

Qiegħda tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għall-possibbiltà li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

[1] ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13.
[2] ĠU L, 2026/1437, 26.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1437/oj.
[3] ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1.